31977L0098

31.1.1977 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 26/81

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tal-21 ta' Diċembru 1976
li temenda d-Direttivi 64/432/KEE, 72/461/KEE u 72/462/KEE dwar problemi sanitarji u veterinarji

(77/98/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi, fl-okkażjoni tat-tkabbir tal-Komunità, id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit kienu awtorizzati, permezz ta' deroga mir-Regolamenti eżistenti tal-Komunità, biex iżommu sa ċertu punt ir-regoli nazzjonali tagħhom li għandhom x'jaqsmu ma' materji veterinarji;

Billi l-arranġamenti speċjali li jgħoddu għal dawn it-tliet Stati Membri ġew inkorporati fid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 104 u 105 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni [3]; billi dispożizzjonijiet simili, li kienu l-estensjoni loġika tad-dispożizzjonijiet oriġinali kienu ġew introdotti f'Atti tal-Kunsill adottati sussegwentement; billi l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 72/461/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa li jeffetwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk [4] u l-Artikolu 33 tad-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi sanitarji u l-ispezzjoni veterinarja meta ssir importazzjoni ta' l-annimali bovini u l-majjali u l-laħam frisk minn pajjiżi terzi [5] ġew adottati għal dan l-għan, iż-żewġ Direttivi msemmija qabel kienu ġew emendati bid-Direttiva 75/379/KEE [6];

Billi l-Artikolu 106 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni u d-dispożizzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq stabbilew li l-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill, mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1976, rapport, u safejn ikunu meħtieġa proposti appropriati, bil-għan li tinstab soluzzjoni għall-problema ta' dawn id-derogi;

Billi s-soluzzjonijiet adottati m'għandhomx ikunu tali li jikkompromettu l-istandard sanitarju ġa milħuq u għandhom jassiguraw, kemm jista' jkun possibbli, il-moviment ħieles ta' l-annimali u l-laħam;

Billi, safejn jikkonċerna l-laħam taċ-ċanga u tal-vitella, ir-riskju tat-tixrid tal-mard huwa innegabbilment anqas milli fil-kummerċ ta' l-annimali ħajjin; billi, barra minn hekk, il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ tal-laħam taħt id-Direttivi eżistenti huma tali li garanziji speċjali ulterjuri mhumiex meħtieġa;

Billi, safejn l-annimali ħajjin huma kkonċernati, sistema komuni għall-Istati Membri kollha għandha tiġi introdotta bil-mod il-mod, li tagħmel distinzjoni bejn id-diversi tipi ta' annimali skond il-periklu li jippreżentaw u li tqis il-ħtieġa li tespandi l-kummerċ fuq il-bażi tal-mudelli eżistenti; billi emendi approprjati għandhom isiru għad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jeffetwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali bovini u l-majjali [7], kif emendata bid-Direttiva 75/379/KEE;

Billi għandu jkun possibbli li l-importazzjoni f'ċerti Stati Membri minn pajjiżi terzi tibqa' kkundizzjonata għall-arranġamenti li huma almenu rigoruż daqs dawk li jeżistu llum f'dawk l-Istati Membri;

Billi r-Regolamenti tal-Komunità li għandhom x'jaqsmu, partikolarment mal-mard ta' l-ilsien u d-dwiefer u l-marda tal-majjali għandhom jagħmluha possibbli li tinstab soluzzjoni komuni u sħiħa għal dawn il-problemi kollha;

Billi tkun ħaġa ġġustifikata li kieku kellhom isiru dispożizzjonijiet għal perijodu transizzjonali speċjali għall-Irlanda u r-Renju Unit rigward l-Irlanda ta' Fuq, li jagħmilha possibbli biex il-pajjiżi msemmija li jattwaw l-emendi li jsiru meħtieġa bl-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Komunità;

---

[1] ĠU C 6, 10.1.1977, p. 141.
[2] L-opinjoni mogħtija fis-27 ta' Ottubru 1976 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[3] ĠU L 73, 27.3.1972, p. 14.
[4] ĠU L 302, 31.12.1972, p. 24.
[5] ĠU L 302, 31.12.1972, p. 28.
[6] ĠU L 172, 3.7.1975, p. 17.
[7] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

Billi jidher li huwa approprjat, fid-dawl ta' l-esperjenza akkwistata, li jiġi estiż l-użu ta' proċedura mħaffa u effettiva biex tagħmel bidliet tekniċi f'ċerti dispożizzjonijiet jew li twaqqaf regoli għall-implimentazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Mill-1 ta' Jannar 1977, it-test ta' l-Artikolu 13 tad-Direttiva 72/461/KEE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-Artikolu 13

Sal-31 ta' Diċembru 1982, l-Irlanda u r-Renju Unit għar-rigward ta' l-Irlanda ta' Fuq, għandhom ikunu awtorizzati biex iżommu għall-importazzjoni tal-laħam frisk, ir-regoli nazzjonali tagħhom li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni kontra l-mard ta' l-ilsien u d-dwiefer filwaqt li joqogħdu għad-dispożizzjonijiet generali tat-Trattat.

Sal-31 ta' Diċembru 1977, id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit għandhom jiġu awtorizzati biex iżommu, għall-importazzjoni tal-laħam frisk, ir-regoli nazzjonali tagħhom li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni kontra d-deni tal-majjali, filwaqt li joqogħdu għad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat."

Artikolu 2

L-Artikolu 4a li ġej, għandu jidħol fid-Direttiva 64/432/KEE:

"L-Artikolu 4a

Sal-31 ta' Diċembru 1982, fejn tidħol l-importazzjoni minn Stati Membri ta' l-annimali bovini għat-tgħammir, il-ħażna u l-qatla, l-Irlanda u r-Renju Unit għar-rigward ta' l-Irlanda ta' Fuq għandhom jiġu awtorizzati biex iżommu r-regoli nazzjonali tagħhom li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer filwaqt li joqogħdu għad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni li għandha titressaq qabel l-1 ta' Lulju 1977, għandu jadotta qabel l-1 ta' Jannar 1978 kwalunkwe emendi li għandhom isiru għall-Annessi A, B u C għad-Direttiva 64/432/KEE jew għal kwalunkwe miżura oħra, inklużi d-dispożizzjonijiet, li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tradizzjonali bejn l-Irlanda u r-Renju Unit."

Artikolu 3

Mill-1 ta' Jannar 1978, l-Artikolu 4b li ġej għandu jidħol fid-Direttiva 64/432/KEE:

"L-Artikolu 4b

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4a, l-Istati Membri li kienu ħielsa mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għal aktar minn sentejn; li ma jipprattikawx it-tilqim skond rutina u li, permezz ta' deroga mill-ħtiġiet ta' din id-Direttiva ma jippermettux fit-territorju tagħhom annimali mlaqqma kontra l-istess marda għal perjodu li għandu jiġi stipulat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12, jistgħu, sal-31 ta' Diċembru 1982 waqt li joqogħdu għar-regoli ġenerali tat-Trattat, jimponu l-kondizzjonijiet li ġejjin malli jiġu introdotti fit-territorju tagħhom l-annimali għat-tgħammir, il-ħażna u l-qatla:

A. Meta dawn l-annimali jkunu ġejjin minn Stat Membru li jkun ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għall-anqas sentejn:

(1) ma jkunx jagħti tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u ma jkunx jippermetti annimali mlaqqma kontra l-istess marda fit-territorju tiegħu, l-annimali għandhom ikunu konformi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tilqima obbligatorja kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;

(2) ikun jagħti tilqima kontra l-marda ta' l-ilsien u dwiefer u jippermetti l-annimali mlaqqma kontra l-marda msemmija fuq it-territorju tiegħu, l-annimali għandhom ikunu soġġetti għall-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tilqima kontra l-marda ta' l-ilsien u dwiefer, li għandhom jiġu mibdula bil-garanziji li ġejjin:

— l-annimali bovini jridu jkunu għamlu t-test għall-virus ta' l-ilsien u dwiefer li jinvolvi raxkament tal-larinġi u l-farinġi (magħruf bħala 'probang test') u jkunu indikaw riżultat negattiv,

— l-annimali bovini u l-majjali jridu jkunu għamlu test seroloġiku biex jidentifikaw l-*antibodies* ta' l-ilsien u d-dwiefer u jkunu indikaw riżultat negattiv,

— l-annimali bovini u l-majjali għandhom ikunu nżammu f'iżolament għal 14-il jum fil-pajjiż li jesporta fl-azjenda mnejn ikunu oriġinaw jew fi stazzjon tal-kwarantina u taħt is-sorveljanza ta' veterinarju uffiċjali,

bil-patt li:

(i) ebda annimal fl-azjenda mnejn ikunu oriġinaw jew fl-istazzjon tal-kwarantina (fejn meħtieġ) m'għandu jkun ġie mlaqqam kontra l-marda ta' l-ilsien u dwiefer matul perjodu ta' 21 jum qabel l-esportazzjoni u l-ebda annimal minbarra dawk li se jiġu esportati m'għandu jkun inġieb fl-azjenda u fl-istazzjon tal-kwarantina matul dak il-perjodu;

(ii) meta t-testijiet meħtieġa biex jiġi applikat dan l-Artikolu jsiru fl-azjenda, l-annimali li jkunu ser jiġu esportati jridu jinżammu separati mill-annimali l-oħra sakemm jiġu esportati.

L-annimali għandhom ikunu soġġetti wkoll għal 21 jum ta' kwarantina fil-pajjiż li jkun jimporta;

B. meta dawn l-annimali jkunu ġejjin minn Stat Membru li ma jkunx instab ħieles mill-marda ta' l-ilsien u dwiefer għal talanqas sentejn:

(1) ma jkunx jagħti t-tilqima kontra l-marda ta' l-ilsien u dwiefer u ma jkunx jippermetti annimali mlaqqma kontra l-istess marda fit-territorju tiegħu, l-annimali għandhom ikunu soġġetti għall-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tilqima kontra l-marda ta' l-ilsien u dwiefer, li għandhom jinbidlu bil-garanziji li ġejjin:

— l-annimali bovini għandhom ikunu għaddew minn test tal-virus ta' l-ilsien u dwiefer li jinvolvi raxkament tal-larinġi u l-farinġi (magħruf bħala 'probang test') u jkunu indikaw riżultat negattiv,

— l-annimali bovini u l-majjali jridu jkunu għaddew minn test seroloġiku għall-identifikazzjoni ta' l-*antibodies* ta' l-ilsien u d-dwiefer u jridu jkunu indikaw riżultat negattiv,

— l-annimali bovini u l-majjali jridu jkunu nżammu għal erbatax-il jum fi stazzjon tal-kwarantina fil-pajjiż li jkun jesporta u taħt is-sorveljanza ta' veterinarju uffiċjali,

bil-patt li:

(i) ebda annimal fl-azjenda mnejn ikunu oriġinaw jew fl-istazzjon tal-kwarantina (fejn meħtieġ) m'għandu jkun imlaqqam kontra l-marda ta' l-ilsien u dwiefer għal perjodu ta' 30 jum qabel ma jiġi esportat u ebda annimal minbarra dawk li jkunu ser jiġu esportati m'għandu jkun iddaħħal fl-azjenda jew fl-istazzjon tal-kwarantina matul dak il-perjodu;

(ii) meta t-testijiet meħtieġa waqt l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jsiru fl-azjenda, l-annimali li jkunu ser jiġu esportati jridu jinżammu separati minn annimali oħra sakemm jiġu esportati.

L-annimali għandhom ikunu soġġetti wkoll għal 21 jum ta' kwarantina fil-pajjiż tad-destinazzjoni;

(2) jagħmel it-tilqima kontra l-marda ta' l-ilsien u dwiefer u jippermetti annimali mlaqqma kontra l-istess marda fit-territorju tiegħu, l-annimali għandhom ikunu soġġetti għall-ħtiġiet stabbiliti f'B (1) u xi ħtiġiet addizzjonali li jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12 jew 13.

Il-proċedura taħt l-Artikolu 12 għandha tiġi użata biex tiddetermina r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, partikolarment ta' liema mill-kategoriji msemmija fl-ewwel sub-paragrafi A jew B l-Istati Membri jkunu u wkoll ir-regoli li jwasslu għall-kategoriji msemmija."

Artikolu 4

Is-subparagrafu (b) ta' Artikolu 7 (1) (A) ta' Direttiva 64/432/KEE għandu jitħassar.

Fl-Artikolu 7 (1) (C) tad-Direttiva 64/432/KEE, id-data "31 ta' Diċembru 1977" għandha tinbidel bil-"31 ta' Diċembru 1979".

Artikolu 5

Mill-1 ta' Jannar 1978, l-Artikolu 8 (2) tad-Direttiva 72/462/KEE għandu jiġi kompletat kif ġej:

"Fil-każ ta' l-annimali għat-tagħmir u l-ħażna l-ħtiġiet ta' dan il-paragrafu jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor biex jitqiesu d-dispożizzjonijiet speċjali li l-Istati Membri jgawdu fil-qafas tal-kummerċ intra-Komunitarju."

Artikolu 6

Mill-1 ta' Jannar 1978, it-test ta' l-Artikolu 33 ta' Direttiva 72/462/KEE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-Artikolu 33

Meta jkunu qed jiġu applikati l-Artikoli 8 u 16, il-kondizzjonijiet stabbiliti skond il-proċedura ta' l-Artikolu 29 għal oġġetti importati minn ċerti Stati Membri għandhom ikunu rigoruži talanqas daqs dawk li l-Istati Membri japplikaw fil-qafas tal-kummerċ intra-Komunitarju."

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva:

(a) mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1977 fejn għandhom x'jaqsmu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1;

(b) mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1978 fejn għandhom x'jaqsmu d-dispożizzjonijiet l-oħra.

Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwarhom.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

A.P.L.M.M. van der STEE